**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2013**

| Is-Sitt Sena | L-ISTUDJI SOĊJALI | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |
| --- | --- | --- |

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________________

______________________

**Il-Marka minn 100**

**AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:**

- Imla ismek u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

1. **IL-KOMUNIKAZZJONI**. Aqta' sing taħt it-tajbin.

(a) L-iktar mod popolari kif nikkomunikaw aħna l-bnedmin bejnietna huwa permezz:
- tat-televixin,
- tar-radju,
- tal-gazzetti,
- tal-lingwa.



(b) Biex inżommu ruħna aġġornati mal-ġrajjiet kurrenti, nistgħu:
- immorru ngħumu kuljum,
- naqraw il-gazzetti,
- insiefru darba kull sena,
- immorru l-quddies kuljum.

(c) Il-maġġoranza tal-Maltin jikkomunikaw bejniethom bil-lingwa:
- Russa,
- Franċiża,
- Taljana,
- Maltija.

(d) Żewġ lingwi barranin, użati spiss minn ħafna Maltin, huma:
- l-Ingliż u t-Taljan,
- l-Ispanjol u l-Portugiż,
- il-Grieg u l-Latin,
- l-Għarbi u l-Aramajk.

(e) Id-demokrazija f'pajjiżna tista' tissaħħaħ meta fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni:
- jixxandru ħafna reklami,
- naraw ħafna films,
- nisimgħu opinjonijiet differenti,
- tixxandar mużika Maltija.

(f) Biex inwasslu messaġġ kontra xi forma ta' diskriminazzjoni, nistgħu:
- immorru ngħumu kuljum fix-xahar ta' Settembru,
- nagħmlu mixja twila fid-dlam,
- intellgħu esibizzjoni,
- insuqu r-roti fuq il-lemin tat-triq.

(g) Meta l-membri ta' xi grupp ikollhom nuqqas ta' ftehim, għandhom:

- jgħajtu sakemm jiżvugaw ir-rabja tagħhom,
- jiddiskutu sakemm jaslu għall-kompromess,
- imorru l-qorti,
- jiktbu fil-gazzetti.



(h) Li membri ta' xi grupp mhux dejjem jaqblu bejniethom, hija xi ħaġa:

- normali għall-aħħar,
- ta' barra minn hawn,
- tant rari li għandha tixxandar fl-aħbarijiet,
- li dejjem twassal biex xi ħadd jispiċċa l-ħabs.

(marka 1 x 8 = 8 marki)

2. **Immarka bis-sinjal (✓) dawk l-l-azzjonijiet li jistgħu jgħinu biex bejnietna l-bnedmin ikun hemm komunikazzjoni effettiva. Ħares lejn l-eżempju.**

| | | |
|---|---|---|
| Eż: | *Il-komunikazzjoni tgħin ħafna biex iċ-ċittadini jgħixu f'ambjent ta' paċi.* | ✓ |
| a | Għandna nisimgħu ħafna lil xulxin. | |
| b | F'diskussjoni taħraq nistgħu nsemmu d-difetti ta' xulxin. | |
| c | Għandna naqraw biss l-ideat ta' dawk li jaqblu dejjem magħna. | |
| d | Fil-ġurnali għandu jkun hemm spazju għal opinjonijiet differenti. | |
| e | Anke meta ma naqblux ma' xi idea, għandna nirrispettaw dik l-idea. | |
| f | Fuq kull stazzjon tat-televixin għandhom jinstemgħu ideat differenti. | |
| g | F'argument għandna nippruvaw nifhmu l-punti li jkun qed jagħmel ħaddieħor. | |
| h | Iċ-ċinema u r-radju huma mezzi ta' komunikazzjoni li jgħinuna nifhmu lil xulxin aktar. | |
| i | Għandna nippruvaw naħdmu mal-membri kollha tal-grupp. | |
| j | Għal-laqgħat tal-grupp għandhom jattendu biss dawk li jaqblu mal-mexxej. | |
| k | Il-maġġoranza għandha dejjem tirrispetta l-ideat tal-minoranza. | |
| l | Meta fil-grupp ikun hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-membri, dawk li ma jaqblux mal-maġġoranza għandhom jitilqu mill-grupp u jagħmlu grupp ieħor. | |

(marka 1 x 8 = 8 marki)

3. **Dan ir-ritratt jurina xi għerien lejn in-naħat tal-irdumijiet ta' Ħad-Dingli. Wieġeb bil-għajnuna tar-ritratt.**



(a) Kemm taħseb li damu biex iffurmaw dawn l-għerien, iktar jew inqas minn elf sena?

______________________________

______________________________ (2)

(b) Kif taħseb li ffurmaw dawn l-għerien?

______________________________

______________________________ (2)

(c) Semmi għar magħruf ħafna fil-Gżejjer Maltin. ______________________ (2)

(d) Meta l-ilma jidħol fil-blat u jqattar mis-saqaf tal-għar, jiffurmaw qishom xemgħat imdendlin mis-saqaf. X'jissejħu dawn? ______________________________ (2)

(e) Meta dawn l-ispeċi ta' xemgħat jiffurmaw mill-art, did-darba x'jissejħu?

______________________________ (2)

(2 marki x 5 = 10 marki)

4. **Il-passaġġ fil-baħar li fil-mappa jidher immarkat bi vleġġa, huwa dak tad-DARDANELLI. Wieġeb bil-għajnuna tal-mappa.**




(a) Mid-Dardanelli tista' tidħol fil-Baħar żgħir immarkat bin-numru 2. X'jismu dan il-baħar?

______________________________ (1)

(b) X'jismu l-Baħar immarkat bin-numru 3?

______________________________ (1)

(c) X'jissejjaħ il-Baħar immarkat bin-numru 1?

______________________________ (1)

(d) Id-Dardanelli jmissu mal-pajjiż immarkat bl-ittra A. X'jismu dal-pajjiż?

______________________________ (1)

(e) X'jismu l-pajjiż immarkat bl-ittra B? ______________________________ (1)

(f) Passaġġ ieħor fil-baħar immarkat bin-numru 1 huwa dak tal-Kanal ta' Swejz. Il-Kanal ta' Swejz huwa passaġġ naturali jew imħaffer mill-bniedem?______________________ (1)

(g) Ma' liema pajjiż imiss il-Kanal ta' Swejz?________________________________________ (1)

(h) Għid għaliex il-Kanal ta' Swejz huwa importanti ħafna għall-kummerċ.

__________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (3)

(10 marki)

5. **Wieġeb il-mistoqsijiet dwar IL-ĠEBLA MALTIJA**.



(a) Fir-ritratt jidher razzett fil-kampanja Maltija. Liema saff tal-ġebla Maltija nużaw biex nibnu razzett bħal dan?

____________________________________________ (2)

(b) Għaliex nużaw din it-tip ta' ġebla biex nibnu?

______________________________________________

____________________________________________ (2)

(c) Minbarra xi razzett, semmi tip ta' bini ieħor li nibnu bl-istess ġebla li qed insemmu.

____________________________________________ (2)

(d) Minn fejn inġibu dan it-tip ta' ġebel biex nibnu bih?

________________________________________________________________________ (2)

(e) Mill-postijiet tal-lista li ġejja, ikteb isem ta' raħal li huwa magħruf biex inġibu minn ħdejh il-ġebla li nużaw għall-bini f'Malta? (VALLETTA, IL-FURJANA, IL-MARSA, L-IMQABBA, TAS-SLIEMA).

________________________________________________________________________ (2)

(f) Liema saff tal-ġebla Maltija nużaw biex minnu nagħmlu ż-żrar li nħalltu fil-konkos?

________________________________________________________________________ (2)

(g) Fil-passat, il-borom li konna nsajru fihom kienu jkunu magħmula mill-fuħħar. Liema saff tal-ġebla Maltija jintuża biex minnu nagħmlu l-fuħħar?

________________________________________________________________________ (2)

(2 marki x 7 = 14-il marka)

6. **AQRA:** Il-karozzi, kemm dawk privati kif ukoll tal-linja, illum m'għadhomx xi ħaġa tal-lussu; saru bżonn. Imma rridu niftakru li l-*exhaust* li joħroġ mill-karozzi ma jagħmilx tajjeb għal saħħitna. **WIEĠEB.**



(a) L-inqas ammont ta' *exhaust* joħroġ minn karozza tal-linja, minn karozza privata jew minn trakk? __________________ (1)

(b) Għaliex jaqbel li nużaw il-karozzi tal-linja?

_______________________________________________________

_______________________________________________________ (2)

(c) X'inhu l-aħjar li nużaw, il-petrol biċ-ċomb jew il-petrol bla ċomb? _______________________________________________ (2)

(d) Għaliex? ______________________________________________________________ (2)

(e) Għaliex l-*exhaust* jagħmlilna l-ħsara? ______________________________________________

_______________________________________________________________________ (3)

(f) Semmi tliet postijiet fejn nistgħu mmorru bil-mixi jew bir-rota minflok bil-karozza u hekk innaqqsu l-ħmieġ mill-arja. ______________________________________________________

_______________________________________________________________________(3)

(13-il marka)

7. **Aqta' sing taħt ir-risposti t-tajbin**:

(a) (L-Ingilterra, Kreta, L-Amerika, L-Iżlanda) hija gżira li tinsab fil-Baħar Mediterran.

(b) Il-gżira ta' Korsika politikament tagħmel parti minn (Spanja, Franza, Iżrael, Malta).

(c) (Il-Greċja, Il-Ġermanja, L-Iskozja, L-Iżvezja) huwa pajjiż li jmiss mal-Baħar Mediterran.

(d) Il-belt kapitali tal-Portugall hija (Pariġi, Madrid, Liżbona, Ateni).

(e) Nistgħu niġġieldu lill-problema tal-iskart billi (narmu, nirranġaw, nesportaw, nimportaw) xi oġġetti li tiġrilhom il-ħsara.

(f) (Il-gazzetti, Il-karozzi, Il-weraq, Il-fjuri) nistgħu nitfgħuhom fil-kontenitur immarkat 'KARTA' meta mmorru fil-bring-in-site.

(g) Bosta affarijiet li nieħdu fil-bring-in-sites jiġu (irrestawrati, irriċiklati, mormija, maħżuna).

(h) Meta nużaw karta rriċiklata nkunu qegħdin insalvaw (il-baħar, il-foresti, id-deżerti, l-għasafar).

(marka 1 x 8 = 8 marki)

8. **Wieġeb dwar IL-PREISTORJA**:

(a) Fl-istampa jidhru fossili li sibna fis-sit Preistoriku ta' Għar Dalam. Xi tfisser il-kelma PREISTORJA?



________________________________________________ (2)

(b) Agħti raġuni waħda għaliex ngħidu li Għar Dalam huwa importanti għall-istorja ta' Malta. ____________________________________

________________________________________________ (2)

(c) Fl-istampa jidher it-tempju megalitiku ta' Ħaġar Qim mgħotti b'tinda. Għaliex għattejnieh bit-tinda?



________________________________________________

______________________________________________ (2)

(d) Semmi żewġ tempji megalitiċi oħra minbarra ta' Ħaġar Qim.

________________________________________________

______________________________________________ (2)

(e) Kif inhu magħruf l-Ipoġew famuż li għandna fil-Gżejjer Maltin?



________________________________________________ (1)

(f) X'inhi d-differenza bejn tempju u ipoġew?

__________________________________________________

________________________________________________ (2)

(11-il marka)

9. **Wieġeb dwar l-ASSEDJU L-KBIR tal-1565**:



(a) Fir-ritratt jidher il-mexxej tal-Maltin u l-Kavallieri fl-Assedju l-Kbir tal-1565. X'kien jismu?

________________________________________________ (1)

(b) Il-personaġġi li ġejjin kollha kellhom x'jaqsmu mal-Assedju l-Kbir. Wieħed minnhom qatt ma ġie Malta. Ikteb ismu fil-vojt.
(LA VALETTE, SULEIMAN, MUSTAPHÀ PAXÀ, PIALÌ PAXÀ, DRAGUT).

________________________________________________ (1)

(c) Fir-ritratt jidher il-forti Sant'Iermu. Fl-Assedju l-Kbir tal-1565, it-Torok għaliex attakkaw l-ewwel lil din il-fortifikazzjoni?



_______________________________________________

_____________________________________________ (2)

(d) Semmi fortifikazzjoni li ġiet attakkata mit-Torok imma ma ċedietx.

_____________________________________________ (2)

(e) Agħti raġuni waħda għaliex it-Torok attakkaw lil Malta fl-1565.

_____________________________________________ (2)

(f) Agħti raġuni waħda għaliex it-Torok tilfu l-assedju kontra l-Maltin u l-Kavallieri.

_____________________________________________ (2)

(10 marki)

10. **WIEĠEB dwar IL-BINI TAL-BELT VALLETTA**.

(a) Fir-ritratt tidher il-Berġa ta' Aragona. X'nifhmu meta ngħidu **BERĠA**?



_______________________________________________

_____________________________________________ (2)

(b) X'nifhmu biha meta ngħidu li l-bini tal-berġa huwa simmetriku?

_______________________________________________

_____________________________________________ (2)

(c) Semmi berġa oħra, minbarra dik ta' Aragona, li l-Kavallieri bnew fil-belt Valletta.

_____________________________________________ (1)

(d) Fir-ritratt tidher il-knisja prinċipali li l-Kavallieri bnew fil-Belt Valletta. Għal liema qaddis ġiet iddedikata din il-knisja? _____________________________________________ (1)



(e) Iddeskrivi din il-knisja minn barra:

_____________________________________________ (1)

(f) Iddeskrivi l-istess knisja minn ġewwa:

_____________________________________________ (1)

(8 marki)

TMIEM IL-KARTA